

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Wolverine International, LP hija kkundannata għall-ispejjeż, bl-eċċezzjoni ta' dawk sostnuti minn BH Store BV quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-Ufficiju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI).
- 3) It-talba ta' BH Store marbuta mal-ispejjeż li hija sostniet quddiem id-Diviżjoni tal-Kanċellazzjoni tal-UASI hija miċħuda.

(<sup>1</sup>) ĠU C 85, 22.3.2014.

## Sentenza tal-Qorti Ĝeneralis tas-7 ta' Ottubru 2015 – The Smiley Company vs UASI (Forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb)

(Kawża T-656/13) (<sup>1</sup>)

(“*Trade mark Komunitarja — Applikazzjoni għal trade mark Komunitarja tridimensionsjali — Forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb — Raġuni assoluta għal rifut — Assenza ta' karattru distintiv — Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament (KE) Nru 207/2009*”)

(2015/C 398/48)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

## Partijiet

Rikorrenti: The Smiley Company SPRL (Brussell, il-Belġju) (rappreżentanti: A. Freitag u C. Albrecht, avukati)

Konvenut: L-Ufficiju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (rappreżentanti: P. Geroulakos u A. Folliard-Monguiral, ağħetti)

## Suġġett

Rikors ippreżentat kontra d-deċiżjoni tar-Reba Bord tal-Appell tal-UASI tat-8 ta' Ottubru 2013 (Każ R 997/2013-4), dwar applikazzjoni għar-reġistrazzjoni ta' sinjal tridimensionsjali kompost mill-forma ta' smiley b'għajnejn f'forma ta' qalb bħala trade mark Komunitarja.

## Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) The smiley Company SPRL hija kkundannata għall-ispejjeż.

(<sup>1</sup>) ĠU C 61, 1.3.2014.